**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2025

Kawża Nru 10/2025

**Il-Pulizija**

***(Spettur Mario Xiberras)***

Vs

**Lawrence Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Lawrence Galea**, iben Victor Galea u Josephine Galea nee' Galea, imwieled ir-Rabat Għawdex nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' April 1991 u residenti "Margerita", Triq Mikelanġ Pace,

Xagħra, Għawdex detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0021691(G) talli nhar is-sittax (16) ta' Frar 2025, u fil-ġranet u xhur u s-snin ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika u, jew sfurzar, sabiex igiegħel jagħmel, iħalli isir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abiltajiet jew jiżola jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment ta' missieru Victor Galea, ommu Josephine k/a Josette Galea u ħuh Savio Galea;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, żmien, lok u ċirkostanzi kkawża lil missieru Victor Galea, ommu Josephine k/a Josette Galea u ħuh Savio Galea biża li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta tagħhom;[2]

(3) u aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil missieru Victor Galea, ommu Josephine k/a Josette Galea u ħuh Savio Galea biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta tagħhom meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna lil missieru Victor Galea, ommu Josephine k/a Josette Galea u ħuh Savio Galea biża;[3]

---

[1] Artikolu 251 u 251H tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.
[2] Artikoli 251(3); 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.
[3] Artikolu 251B (1); 222(1); 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

(4) u aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji u theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodiċi Kriminali lil missieru Victor Galea, ommu Josephine Galea u ħuh Savio Galea;[4]

(5) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€ 250) għad-dannu ta' Josephine k/a Josette Galea u/jew persuni u/jew entitajiet oħra.[5]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tqis lill-Lawrence Galea bħala reċidiv, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' missieru Victor Galea, ommu Josephine k/a Josette Galea u ħuh Savio Galea billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

[4] Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.
[5] Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża missieru Victor Galea, ommu Josephine k/a Josette Galea u ħuh Savio Galea.

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-Liġi.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tqis dan il-każ bħala wieħed ta’ vjolenza domestika, skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għar-raba’ (4) akkuża. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni, il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa’ jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu u jikkonsulta wkoll mal-legali tal-fiduċja tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu fir-rigward tar-raba’ (4) akkuża;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reat li l-akkużat ammetta għalih ġiex tassew magħmul jew tiddubita jekk l-akkużat huwiex ħati ta' dan ir-reat li ġie addebitat lilu;

Semgħet lill-parte civile Victor Galea u Josephine k/a Josette Galea, il-ġenituri tal-akkużat, jiddikjaraw bil-ġurament fis-seduta tal-lum li huma ma jixtiequx jixhdu kontra binhom;

Semgħet lill-parte civile Savio Galea, ħu l-akkużat, jiddikjara bil-ġurament fis-seduta tal-lum li huwa ma jixtieqx jixhed kontra ħuh;

Rat li fis-seduta tal-lum, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ;

Rat wkoll li fis-seduta tal-lum, id-Difiża iddikjarat li l-akkużat ma kienx sejjer jixhed f'dawn il-proċeduri u li ma kellhiex provi xi tressaq f'dan il-każ;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sittax (16) ta' Frar 2025 il-Pulizija tal-Għassa tar-Rabat, Għawdex rċievew telefonata għall-ħabta tal-għaxra neqsin ħamsa ta' bil-lejl (21:55hrs) fejn intalbu jassistu ġewwa r-residenza "Margerita", Triq Mikelanġ Pace, Xagħra, Għawdex. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn stabbilew li kien inqala' argument bejn Lawrence Galea min-naħa u l-ġenituri tiegħu Victor u Josephine Galea u ħuh Savio Galea min-naħa l-oħra. Lawrence Galea kien beda jkisser kull ma beda jsib quddiemu.

Mal-wasla tal-Pulizija, Lawrence Galea beda jallega li ħuh Savio kien ħadlu xi arloġġi u deheb mill-kamra tiegħu. Il-Pulizija setgħu jinnutaw važuni u anke televiżjoni mixħut mal-art. Peress li rriżulta li Lawrence Galea kien fi stat ta' perikolu għalih, huwa ġie arrestat u meħud l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex.

Minn aktar investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija, rriżulta li l-argument kien beda aktar kmieni dakinhar stess għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) ġewwa l-istess residenza fejn Lawrence Galea beda jargumenta mal-ġenituri tiegħu u beda jkisser kull ma jsib quddiemu. Dak il-ħin ħuh Savio Galea ma kienx id-dar. Huwa wasal aktar tard fejn sab ħafna affarijiet imkissrin. Hekk kif beda jistaqsi x'kien ġara, Lawrence kien mar fuqu u beda jparla fil-vojt. Lawrence beda wkoll jimbotta u jitfa' l-affarijiet fid-direzzjoni ta' missieru. Minħabba l-atteġġjament ta' Lawrence Galea, it-tlett persuni kellhom jingħalqu ġo

kamra u minn hemmhekk ċemplu lill-Pulizija. Il-Pulizija stabbiliet wkoll li waqt l-argument Lawrence kien hedded lil missieru u qallu li jekk kien se jċempel lill-Pulizija, Victor kien se joħroġ mejjet mir-residenza. Irriżulta wkoll li din l-attitudni ta' Lawrence Galea kienet qed tiggrava iżjed ma' jgħaddi ż-żmien minħabba l-abbuż li Lawrence Galea kien qed jagħmel mid-droga. Il-Pulizija stabbilew wkoll li d-deheb u l-arloġġ ta' Lawrence kienu qegħdin fil-kexxun fil-kamra tas-sodda tal-istess Lawrence Galea.

Ikkunsidrat;

Għar-rigward ir-raba' (4) akkuża, il-Qorti tinnota li l-akkużat ammetta għal din l-akkuża. In vista ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lill-akkużat ħati ta' din l-akkuża li ġiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għar-rigward l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża dawn ma ġewx pruvati peress li l-parte civile Victor Galea, Josephine k/a Josette Galea u Savio Galea stqarrew li ma xtaqux jixhdu fil-konfront tal-akkużat. Dan peress li l-akkużat jiġi iben l-istess Victor u Josephine Galea u ħu Savio Galea. Dawn it-tlett persuni kienu t-tlett xhieda prinċipali tal-Prosekuzzjoni f'dan il-każ. La darba dawn għażlu li ma jixhdux, il-Qorti ġiet sprovvista mill-aħjar provi li kien hemm. Fl-atti

m'hemmx provi oħra li abbażi tagħhom il-Qorti tista' tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat għal dawn l-akkużi.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Għar-rigward piena huwa ċar mill-atti li l-akkużat għandu problema tad-droga u jekk huwa mhux sejjer jingħata l-għajnuna, huwa sejjer jkompli jegħreq f'aktar problemi.  Minkejja l-fedina penali tal-akkużat, il-Qorti temmen li għandha tagħti **<u>din l-aħħar opportunita lill-akkużat</u>** biex jirriforma ruħu u joħroġ minn dan il-vizzju misħut.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) akkuża</u>** u għalhekk qiegħda tilliberah minnhom;

(b) wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tar-raba' (4) akkuża.</u>**

In kwantu għall-piena li għanda tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif elaborat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' *probation*.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati Lawrence Galea taħt Ordni ta' *Probation* għal **perijodu ta' tliet snin** mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess Lawrence Galea jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Lawrence Galea bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation u Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Lawrence Galea.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati **kull tlett (3) xhur**.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb id-diffikultajiet relatati mal-problema tal-abbuż mid-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **għal perijodu ta' tlett snin** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jagħmel parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Victor Galea, Josephine k/a Josette Galea u Savio Galea kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' elf ewro (€ 1,000).

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**